# Pitturi ta' San Girgor fil-Knejjes Maltin u Għawdxin (Id-IX Parti)

F'dan l-artiklu din id-darba se naraw il-kwadru titulari tal-knisja parrokkjali ddedikata lili flimkien mal-Kon-Titular tal-Madonna tas-Sokkors f'Ta' Kerċem Għawdex.



Dan l-kwadru titulari sar mill-artist Salvatore Busuttil fis-sena 1854 u tpitter f'Ruma billi l-artist kien jgħix Ruma.Huwa kwadru li sar biex ngħidu hekk fl-era Barokka għalkemm fih elementi sempliċi wkoll fejn jekk wieħed jinnota l-figuri mhumiex elaborati daqshekk fil-pożizzjoni tagħhom għajr l-anġli u personaġġi sekondarji fil-kwadru biex ngħidu hekk li fil-maġġoranza tagħhom marbuta iżjed mas-simboliżmu fil-kwadru tal-messaġġ li jirrappreżenta.

Nfatti, l-kwadru juri lil San Girgor il-Kbir qed jinterċedi quddiem l-Madonna tas-Sokkors sabiex jitlob għas-salvagwardja tal-pesta. San Girgor huwa marbut u sinonimu mal-marda tal-pesta għaliex tajjeb ngħidu li fi żmienu ġewwa Ruma tul r-renju Papali tiegħu, Ruma kienet nħakmet minn din l-marda fis-sena 591. Tajjeb li ngħidu li San Girgor f'dan ż-żmien kien wettaq pellegrinaġġ b'pittura tal-Madonna mpittra minn San Luqa. Dan sar mill-qaddis bħala mod sabiex jfittex jeħles u jinterċedi kif jista' sabiex tieqaf dik l-marda kiefra li ħakmet lil Ruma f'dak ż-żmien. Il-kwadru juri lil San Girgor għarkubbtejh bis-simbolu tal-ħamiema jitlob lill-Madonna megħjuna bl-anġli u l-puttini, kif ukoll San Girgor, bit-trirenju maġenb saqajħ. Naraw ukoll xena ta' nies mitluqa u morda bħala s-simbolu tal-marda qerrieda tal-pesta. Jidher anke l-poplu Malti u Għawdxi jinterċedi u jitlob ukoll b'idejh miftuħa b'ħarsithom lejn San Girgor u l-Madonna wkoll. Nsibu anke xena sabiħa tal-purċissjoni votiva li kienet ssir għall-ħarsien mill-marda qalila tal-pesta li kienet ssir mill-Katidral fir-Rabat għall-kappella Medjevali ta' Kerċem kull sena nhar t-12 ta' Marzu.

Din il-kappella Medjevali kienet l-knisja qabel dik li naraw llum. Wieħed ma jistax ma jinnutax l-mod rikk li bih San Girgor libbsu l-artist bil-kappa ħamra rrakkmata bid-deheb kif ukoll l-Madonna b'dawk l-kuluri blu u aħmar tant vivaċi li komplew arrekkixxu l-livell artistiku ta' dan l-kwadru flimkien b'kuntrasti sbieħ tal-kuluri ċari madwar l-puttini u tas-swar u l-Katidral tar-Rabat fix-xena u l-ilbies abjad, iswed u kannella f'kuntrast mal-bqija tal-kuluri li komplew taw aktar rikkezza ta' sbuħija li ssaħħar lil kull min jara dan l-kwadru. L-iskur tal-blat u anke l-ilbies isfar u ċar tal-anġli komplew taw kuntrast in-naħa ta' fuq tal-pittura sabiex jidher aktar vivaċi. Dan il-kwadru jixhed anke d-devozzjoni kbira li minn dejjem kellu Gregorju lejn Ommna Marija li kull meta ġietu okkażjoni li jorganizza pellegrinaġġi dejjem kien jagħmel purċissjoni votivi Marjani wkoll. Il-pittura turi anke l-eżempju ħanin ta' San Girgor kemm ħaseb f'min kien anqas ixxurtjat minnu u batut u kemm kien ta' eżempju fil-ħajja tiegħu sabiex mhux biss ta ġieħ lil Alla b'dak li wettaq fil-ħajja tiegħu iżda anka jaspira lilna sabiex permezz tal-eżempji tiegħu jwassluna eqreb lejn Alla u nsiru nixbħu dejjem aktar lil Sidna Ġesu'. Il-Madonna, naturalment tibqa' ispirazzjoni Nisranija ċara għalina wkoll għall-ħniena tagħha murija f'dan l-kwadru mal-patrun tagħna San Girgor l-Kbir fejn qed tkompli tagħti l-qawwa u t-tama tagħha sabiex iseħħ dak mitlub lil Ħallieq. Hija pittura oħra ta' tagħlim nisrani mill-aqwa li taspirana sabiex nibqgħu nittamaw f'Alla fil-ħajja tagħna minkejja t-tbatija li ngħaddu minnha ta' kuljum fil-każ t'hawnhekk il-marda kiefra tal-pesta.Huwa kwadru wkoll li jiżboq l-kumplament tal-kwadri sbieħ li nsibu f'din l-knisja tant sabiħa ddedikata lil qaddis patrun tagħna u lil Madonna tas-Sokkors Kon-Titulari jiġifieri t-tnejn titulari flimkien, titlu uniku f'Malta u Għawdex.